MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 284/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Crispin Grima**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Crispin Grima, karta ta' l-identita` numru 387377(M), talli:

(1) fl-Imsida, nhar l-1 ta’ Ġunju 2013 fit-03:15 ta’ filghodu, wettaq attentat vjolenti għall-pudur ta’ Shanti Shrestha (Achhami) detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 66464A;

(2) f’lok pubbliku instab fis-sakra b’mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu innfisu.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f’każ ta’ ħtija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

F’każ ta’ ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta` ta’ Shanti Shrestha (Achhami) ai termini ta’ l-artikolu 383 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ġunju 2013 fejn dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata ta’ l-imsemmi Crispin Grima, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li l-istess Qorti tagħtu żmien sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 207, 338(ff), 28A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabitu ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu u kkundannatu komplessivament għal erba` (4) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, jibqgħu sospiżi għall-perjodu ta’ sena (1) mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Shanti Shrestha (Achhami), l-istess Qorti rabtet lill-ħati b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta` elf euro (€1000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-20 ta’ Ġunju 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn Crispin Galea instab ħati tar-reati imputati lilu, tikkonfermaha wkoll

fejn rabtet lill-istess Crispin Galea b'obbligu għas-sigurta` tal-persuna ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9, u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn imponiet il-piena ta' erba' xhur priġunerija sospiżi għal sena u minflok timponi piena aktar idoneja skond il-liġi, inkluż ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-piena nflitta. Huwa jgħid:

> "Illi filwaqt illi jirrikonoxxi illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti taqa' fil-parametri tal-Ligi, l-Avukat Generali umilment jissottometti illi l-piena nflitta mhijiex l-aktar wahda idoneja fic-cirkostanzi. Harsa hafifa lejn il-fedina penali tal-appellat (a fol. 5 et. Seq. tal-process) turi illi mhux biss l-appellat instab hati ta' diversi reati fosthom ingurji, theddid u hebb kontra diversi persuni, u nuqqas ta' obbidjenza ta' ordnijiet legittimi mill-awtoritajiet, izda aktar importanti minn hekk, fis-sena 2006, l-appellat instab hati li offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku. Minkejja li llum ghaddew seba' snin minn dan il-kaz jidher illi hemm certa propensita` da parti tal-appellat illi jikkommetti reati ta' natura sesswali. Minkejja li fl-incident tal-2006, huwa nghata conditional discharge ghal perjodu ta' sitt xhur huwa jidher li ma tghallimx u evidentement ihalli l-istinti tieghu jigri bih;

> "Illi minkejja li r-reat li nstab hati tieghu mhuwiex fost l-aktar gravi fost ir-reati fis-sistema guridika taghna, xorta wahda, huwa reat serju, aktar u aktar meta kommess minn persuna bi precedenti simili. Inoltre, wiehed irid jiehu wkoll in konsiderazzjoni t-trawma li ghaddiet minnha l-vittma meta filwaqt li kienet miexja ghall-affari taghha, sabet lill-appellat li qabez ghal fuqha minn gos-satra tal-lejl, beda jmissha, u addirittura sforza lsienu f'halq il-vittma. Li kieku l-vittma dak il-hin, instintivament u biex tipprotegi l-inkolumita` taghha, ma gidmitx ilsien l-esponent bil-konsegwenza li l-appellat kien kostrett itemm l-aggressjoni tieghu, kieku bla dubbju l-konsegwenzi ta' din l-aggressjoni annimaleska kieku jkun ferm aghar fuq il-vittma;

> "Illi kif irrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-konisderazzjonijiet taghha 'ir-reat ta' attentat ghal pudur bil-vjolenza skond l-artikolu 207 kif migjub kontra l-hati huwa wiehed serju hafna u fejn m'hemmx xi raguni u/jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta' dan ir-reat ikun jimmerita li jigi kkargat b'mod effettiv' (fol.17 tal-process). Minkejja dan, u minkejja li f'dan il-kaz ma jidher li kien hemm 'ebda cirkostanza partikolari' li timmerita dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. B'kull rispett se mai, cirkostanza tabilhaqq partikolari u cioe` previous conviction fuq reati ta' natura sesswali, minkejja t-trapass ta' seba' snin, kellha timmilita favur aktar kawtela fl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9."

**6.** Dwar il-piena, il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas jew differenti minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**7.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti proċesswali, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha idoneji dwar dan il-każ u li wassluha biex tagħti sentenza sospiża ta' priġunerija.

**8.** Dwar is-sentenza sospiża, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta .s Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**9.** Din il-Qorti imbagħad innutat b'mod partikolari illi minn meta ngħatat is-sentenza fil-konfront ta' l-appellant, ma kienx hemm ksur ieħor tal-liġi u ma kienx hemm problemi mal-vittma f'dan il-każ.

**10.** Fiċ-ċirkostanzi, u wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll taċ-ċertifikati mediċi dwar l-istat ta' saħħa ta' tnejn minn ulied l-appellant li għandhom problemi ta' mobilita` u li jidher li qegħdin iservu ta' xprun, flimkien ma' l-għajnuna ta' martu, biex jibqa' mbiegħed mil-illegalita`, din il-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex il-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------